MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 856/2011

**Awtorita tad-Djar**
**Vs**
**Stephen Portelli (K.I. 541877M) u Ramona Portelli (K.I. 80277M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-konvenuti taht skema Z (Dok A – anness mat-talba) nghataw ghotja ta' elfejn, tmien mija u disgha u sebghin ewro (€2879) sabiex jirrangaw l-fond 60, Triq Dun Mikiel Cassar, Zejtun. Illi huma obbligaw ruhhom li jghixu f'din l-istess dar ghal ghaxar snin u dan skont ftehim Dok B – anness mat-talba. Illi l-konvenuti naqsu li jwettqu dan l-obbligu stante li ma baqghux jghixu fid-dar in kwistjoni tul dan il-perjodu kollu kif ser jigi ppruvat. Illi b'hekk il-konvenuti ghandhom ihallsu lill-Awtorita' tad-Djar is-somma ta' elfejn, tmien mija u disgha u sebghin ewro (€2879) rapprezentanti l-ghotja, issa dovuta lura lill-Awtorita' tad-Djar peress li skont skrittura ffirmata fl- 4 ta' Mejju, 2005 l-konvenuti obbligaw ruhhom li jabitaw ghal mill-anqas ghaxar snin fil-fond

indikat bhala 60, Triq Dun Mikiel Cassar, Zejtun u naqsu li jaghmlu dan.

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu dan l-ammont izda baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jigi mitlub bir-rispett jordna u jikkundanna lill-intimati jhallsu lill-atturi l-ammont ta’ elfejn, tmien mija u disgha u sebghin ewro (€2879).

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ diversi ittri mibghuta mill-Awtorita’ tad-Djar, bl-imghax legali dekoribbli sal-pagament effettiv u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl- 04 ta’ Novembru, 2011 mill-Avukat Ray Zammit u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuti naqsu milli jipprovaw il-kaz taghhom quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba ta’ l-Awtorita` attrici bl-ispejjez bl-interessi kontra l-konvenuti mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------